EIOPA-CP- 13/010 MT

# Il-Linji Gwida dwar is-Sottomissjoni ta' Informazzjoni lill-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti



© EIOPA 2013

## Il-Linji Gwida dwar is-Sottomissjoni ta' Informazzjoni lill-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti

## L-introduzzjoni

1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 1904/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 (minn issa 'l quddiem, ir-Regolament dwar l-EIOPA)[1] l-EIOPA qed toħroġ Linji Gwida lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar kif jipproċedu fil-fażi preparatorja li twassal għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (id-Direttiva Solvenza II)[2].

1.2. Dawn il-Linji Gwida huma bbażati fuq l-Artikoli 35, 220 u 254 tad-Direttiva Solvenza II.

1.3. Fin-nuqqas ta' Linji Gwida Preparatorji, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali Ewropej jistgħu jaraw il-ħtieġa li jiżviluppaw soluzzjonijiet nazzjonali sabiex tiġi żgurata superviżjoni sensittiva b'saħħitha għar-riskji. Minflok li tintlaħaq superviżjoni konsistenti u konverġenti fl-Unjoni Ewropea, jistgħu joħorġu soluzzjonijiet nazzjonali differenti għad-detriment ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb.

1.4. Huwa ta' importanza kbira li ser ikun hemm approċċ konsistenti u konverġenti fir-rigward tal-preparazzjoni ta' Solvenza II. Dawn il-Linji Gwida għandhom jitqiesu bħala ħidma preparatorja għal Solvenza II billi tiġi promossa l-preparazzjoni fir-rigward ta' oqsma ewlenin ta' Solvenza II sabiex tiġi żgurata ġestjoni tajba tal-impriżi u li l-kontrolluri jkollhom biżżejjed informazzjoni f'idejhom. Dawn l-oqsma huma s-sistema ta' governanza, inkluża s-sistema ta' ġestjoni tar-riskju u valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji (ibbażati fuq il-prinċipji ta' Riskju Proprju u Valutazzjoni tas-Solvenza), il-preapplikazzjoni għall-mudelli interni u s-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

1.5. Il-preparazzjoni bikrija hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li meta Solvenza II tkun applikabbli b'mod sħiħ, l-impriżi u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jkunu ppreparati sew u jkunu jistgħu japplikaw is-sistema l-ġdida. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali huma mistennija li jidħlu fi djalogu mill-qrib mal-impriżi.

1.6. Bħala parti mill-preparazzjoni għall-implimentazzjoni ta' Solvenza II, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali mill-1 ta' Jannar 2014 għandhom idaħħlu fis-

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48–83
[2] ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155


© EIOPA 2013

seħħ, il-Linji Gwida kif stabbilit f'dan id-dokument biex l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jieħdu l-passi xierqa għall-implimentazzjoni sħiħa ta' Solvenza II.

1.7. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jibagħtu, rapport tal-progress dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida sa tmiem Frar wara kull sena rilevanti lill-EIOPA, l-ewwel wieħed għandu jintbagħat sat-28 ta' Frar 2015 ibbażat fuq il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014.

1.8. L-Awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma mistennija jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jħejju sabiex ikollhom sistemi u strutturi adegwati fis-seħħ li jippermettu l-iskambju xieraq ta' informazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

1.9. Bħala eżerċizzju ta' tħejjija għall-implimentazzjoni ta' Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li, waqt il-fażi preparatorjali twassal għal Solvenza II l-informazzjoni deskritta f'dawn il-Linji Gwida tiġi sottomessa minn tal-anqas impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u minn gruppi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirrappreżentaw sehem sinifikanti tas-swieq nazzjonali. Din l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa flimkien ma' kwalunkwe rekwiżit eżistenti ta' rapportar superviżorju.

1.10. Din il-fażi preparatorja għandha tintuża bħala opportunità għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u għall-impriżi biex iniedu jew irawmu djalogu dwar l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar. L-Awtoritajiet nazzjonali kompetentihuma mistennija jqisu l-informazzjoni mgħoddija.L-Awtoritajiet nazzjonali kompetentimhumiex se jkunu mistennija jieħdu azzjoni regolatorja jew ta' infurzar iżda probabbli li jkun xieraq li jiddiskutu u jippjanaw mal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni l-progress li qed isir.Id-dejta għandha tintuża biss għall-finijiet tal-valutazzjoni u t-titjib tat-tħejjija għar-rekwiżiti ta' Solvenza II.

1.11. L-intenzjoni tal-EIOPA hija li għal skopijiet ta' tħejjija l-informazzjoni annwali tiġi sottomessa darba qabel Solvenza II tkun applikabbli u l-informazzjoni trimestrali tiġi sottomessa b'rabta mat-tielet trimestru ta' qabel id-data ta' applikazzjoni tad-Direttiva Solvenza II. Id-dati tal-bidu proposti għas-sottomissjoni ta' informazzjoni huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li d-Direttiva Solvenza II se tkun applikabbli fl-1 ta' Jannar 2016. Dawn id-dati ta' sottomissjoni, għalhekk, se jiġu riveduti fl-aħħar tal-2013 abbażi tal-aħħar żviluppi fir-rigward tal-OMDII.

1.12. M'għandux jiġi preżunt li l-approvazzjoni superviżorja għal oġġetti jew metodi speċifiċi meħtieġa taħt Solvenza II ingħatat.

1.13. Rigward l-informazzjoni dwar il-mudelli interni, l-għan tar-rapportar matul il-fażi preparatorja jqis il-ħtieġa li l-impriża tipprepara għall-eventwalità li l-mudell intern jista' ma jkunx approvat u l-fatt li l-impriżi għandhom jipprepraw għas-sottomissjoni regolari ta' informazzjoni meta tkun applikabbli d-Direttiva


© EIOPA 2013

Solvenza II. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni involuti fil-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudelli interni għandhom jissottomettu l-informazzjoni dwar ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza (SCR) ikkalkulat kemm bil-formola standard u bil-mudell sħiħ/parzjali. Is-sottomissjoni relatata mal-formola standard hija ddefinita skont il-"Linji Gwida dwar il-Preapplikazzjoni tal-Mudelli Interni" filwaqt li s-sottomissjoni relatata mal-mudell intern sħiħ jew parzjali, għall-finijiet ta' sottomissjoni ta' informazzjoni, hija definita skont dawn il-Linji Gwida.

1.14. Dwar ir-rapport narrattiv għall-fażi preparatorja huwa meħtieġ biss li jiġi sottomess subsett tar-rekwiżiti ta' rapportar previsti taħt Solvenza II.Kien meqjus li s-sottomissjoni tar-rapport sħiħ se jkun ta' piż u l-kontenut inkluż f'dawn il-Linji Gwida għandhom diġà jippermettu tħejjija xierqa biex ir-rapport narrattiv sħiħ jiġi rrapportat meta d-Direttiva Solvenza II tkun applikabbli.

1.15. Anki dwar l-informazzjoni kwantitattiva s-sett ta' informazzjoni meħtieġa hija subsett tal-pakkett sħiħ. Bħala konsegwenza, għall-fażi preparatorja xi oġġetti ta' rapportar, mhumiex se japplikaw.

1.16. Fir-rigward ta' rapportarfuq livell ta' Fond Magħluq (*Ring Fenced*), l-EIOPA temmen li huwa importanti ħafna li l-impriżi jippreparaw għall-kalkolu u s-sottomissjoni ta' informazzjoni mill-Fondi Magħluqa (RFF) kemm fuq livell individwali kif ukoll ta' grupp, peress li dan huwa parti importanti minn Solvenza II. Għalhekk, ir-rekwiżit tas-sottomissjoni tal-informazzjoni għal materjal RFF ewlieni u l-parti li jifdal, inżamm kemm fuq livell individwali kif ukoll ta' grupp. Rigward il-kalkolu tal-SCR fuq livell ta' entità jew grupp meta l-impriżi jkollhom RFFs, l-EIOPA ser tinvolvi ruħha fi djalogu mal-partijiet interessati biex tiżgura li tiġi inkorporata soluzzjoni xierqa fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

1.17. Bħala parti mit-tħejjija għall-implimentazzjoni ta' Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti diġà jistgħu jużaw it-tassonomija żviluppata mill-EIOPA għas-sottomissjoni ta' informazzjoni. Għalhekk id-dokumentazzjoni rilevanti ta' sostenn rilevanti hija disponibbli fuq https://eiopa.europa.eu/publications/eu-wide-reporting-formats/index.html. Verżjoni ġdida dwar din l-informazzjoni se tkun disponibbli fil-ġejjieni.

1.18. L-Anness Tekniku VI jiddeskrivi l-verifiki tad-dejta li d-dejta sottomessa teħtieġ tkun konformi magħhom. Dan l-Anness m'għandux jinftiehem bħala li jirrappreżenta l-pożizzjoni finali dwar il-verifiki tad-dejta, primarjament minħabba l-fatt li l-fażi preparatorja tinkludi biss subsett tal-pakkett ta' rapportar ta' Solvenza II.

1.19. Meta jiġi applikat il-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II, gruppi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni huma permessi jużaw ir-rekwiżiti ta' kapital tas-solvenza u l-fondi proprji eliġibbli ta' impriżi relatati ta' pajjiżi terzi kkalkolati skont ir-regoli lokali tagħhom għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida biss, u mingħajr preġudizzju għal xi determinazzjonijiet ta'


© EIOPA 2013

ekwivalenza mill-Kummissjoni Ewropea fil-futur u xi deċiżjonijiet futuri tal-kontrolluri ta' gruppi.

1.20. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali huma mistennija li jiżguraw li dawn il-Linji Gwida jiġu applikati b'mod proporzjonat għall-għamla, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti għan-negozju tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni. Il-Linji Gwida diġà jirriflettu l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità peress li għandhom il-prinċipju inkorporat fihom u billi jintroduċu wkoll valuri limitu f'ċerti oqsma.

1.21. Għall-fini ta' rapportar trimestrali tal-karta tal-bilanċ, ħlief għad-dispożizzjonijiet tekniċi, fil-fażi preparatorja biss tat-Trimestru 3 tal-2015, iridu jiġu vvalutati l-proporzjonalità u l-materjalità fir-rigward tad-dejta trimestrali. Fit-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-materjalità, irid jiġi rikonoxxut li l-kejl trimestrali jistgħu jiddependu fuq l-istimi u l-metodi ta' stima b'mod aktar estensiv mill-kejl ta' informazzjoni finanzjarja annwali. Il-proċeduri ta' kejl għar-rapportar trimestrali għandhom jitfasslu b'tali mod li jizġuraw li l-informazzjoni li tirriżulta tkun affidabbli u konformi mal-istandards ta' Solvenza II u li l-informazzjoni materjali kollha li tkun rilevanti għall-fehim tad-dejta tiġi rrapportata.

1.22. Il-kalkolu tad-dispożizzjonijiet tekniċi matul is-sena, b'mod partikolari għall-finijiet ta' rapportar trimestrali, fil-fażi preparatorja biss tat-trimestru 3 tal-2015, jista' jiddependi fuq metodi ssimplifikati fil-kalkolu tal-marġni ta' riskju u l-aqwa stima (li trid tiġi elaborata aktar mill-EIOPA).

1.23. L-EIOPA kkunsidrat ukoll il-każ speċifiku tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tas-sottomissjoni trimestrali ta' informazzjoni. L-EIOPA temmen li l-fażi preparatorja għandha tkun f'konformità mal-qafas finali ta' Solvenza II iżda tkun titqassam ukoll f'fażijiet. Filwaqt li qieset dan, l-EIOPA ddeċidiet li tippermetti lill-Awtoritajiet nazzjonali kompetenti jeżentaw, f'każ li xi kumpanija tkun koperta mis-sehem tas-suq applikat, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mis-sottomissjoni ta' informazzjoni fir-rigward ta' Q3 tal-2015. Il-kumpaniji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jridu jissottomettu l-informazzjoni annwali u għandhom jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tas-sehem tas-suq.

1.24. L-EIOPA tenfasizza li din is-soluzzjoni għar-rapportar trimestrali ma tipprevjenix xi soluzzjoni futura milli tiġi applikata taħt Solvenza II għas-sottomissjoni trimestrali ta' informazzjoni minn kumpaniji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni taħt ir-reġim ta' Solvenza II.

1.25. Il-Linji Gwida japplikaw kemm għall-impriżi individwali tal-assigurazzjoni kif ukoll dawk tar-riassigurazzjoni u fuq il-livell tal-grupp tal-assigurazzjoni kif ukoll tar-riassigurazzjoni. Barra dan, il-gruppi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jeħtieġu jqisu bis-sħiħ il-Linji Gwida speċifiċi għall-grupp.

1.26. Għalhekk il-Linji Gwida stabbiliti fis-Sezzjonijiet I, II, III, u VIII jidentifikaw b'mod ċar jekk japplikawx għal impriżi individwali tal-assigurazzjoni u tar-



© EIOPA 2013

riassigurazzjoni jew fuq il-livell tal-grupp tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni; is-Sezzjonijiet IV, V, VI, VII, u IX japplikaw kemm għal impriżi individwali tal-assigurazzjoni kif ukoll dawk tar-riassigurazzjoni u mutatis mutandis fuq il-livell tal-grupp tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, bil-Linji Gwida 26 u 33 jkunu kunsiderazzjonijiet speċifiċi dwar kif dawn il-Linji Gwida japplikaw fuq il-livell tal-grupp tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

1.27. Mhu se jintalab l-ebda Rekwiżit Kapitali Minimu nozzjonali għal impriżi komposti tal-assigurazzjoni peress li dak huwa barra mill-kamp ta' applikazzjoni għal dawn il-Linji Gwida.

1.28. Il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014.



© EIOPA 2013

## Sezzjoni I: Id-dispożizzjonijiet ġenerali għal-Linji Gwida

### Il-Linja Gwida 1- Id-dispożizzjonijiet ġenerali għal-Linji Gwida

1.29. L-Awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jieħdu l-passi xierqa sabiex mill-1 ta' Jannar 2014 idaħħlu fis-seħħ dawn il-Linji Gwida dwar is-sottomissjoni ta'informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

1.30. L-Awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi u l-gruppi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jieħdu l-passi xierqa biex:

a) jibnu sistemi u strutturi biex iwasslu informazzjoni ta' kwalità għolja għall-finijiet superviżorji, u;
b) jissottomettu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom l-informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva kif stipulat f'dawn il-Linji Gwidali tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jirrevedu u jivvalutaw il-kwalità tal-informazzjoni u l-progress li jkun sar.

### Il-Linja Gwida 2 –Ir-rapport ta' progress lill-EIOPA

1.31. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jibagħtu rapport ta' progress lill-EIOPA, dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida sal-aħħar ta' Frar wara kull sena rilevanti, l-ewwel wieħed għandu jintbagħat sat-28 ta' Frar 2015 abbażi tal-perjodu 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

## Sezzjoni II: Il-kamp ta' applikazzjoni tas-sottomissjoni ta' informazzjoni – Il-limiti li għandhom jiġu applikati

### Il-Linja Gwida 3 – Il-limiti ta' sottomissjoni annwali ta' informazzjoni kwantitattiva għall-impriżi individwali

1.32. F'konformità mal-Artikolu 35 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirrappreżentaw mill-inqas 80% tas-sehem tas-suq nazzjonali,skont il-kriterji definiti fil-Linja Gwida 5 sa 7, jissottomettu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti s-sett ta' informazzjoni kwantitattiva annwali identifikata fil-Linja Gwida 13.

### Il-Linja Gwida 4 – Il-limiti ta' sottomissjoni trimestrali ta' informazzjoni kwantitattiva għall-impriżi individwali

1.33. F'konformità mal-Artikolu 35 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirrappreżentaw mill-inqas 50% tas-sehem tas-suq nazzjonali,skont il-kriterji definiti fil-Linja Gwida 5 sa 7, jissottomettu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti s-sett ta' informazzjoni trimestrali identifikata fil-Linja Gwida 16.

### Il-Linja Gwida 5 – Is-sehem tas-suq għall-impriżi individwali



© EIOPA 2013

1.34. L-Awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkalkulaw is-sehem tas-suq nazzjonali msemmi fil-Linji Gwida 3 u 4 abbażi tad-dejta sottomessa minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għall-finijiet ta' superviżjoni dwar il-perjodu ta' rapportar annwali li jintemm matul l-2012.

1.35. Sabiex jiġi ddeterminat is-sehem tas-suq nazzjonali, l-impriżi li ġejjin għandhom jiġu esklużi:

a) l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mhux taż-ŻEE b'sehem fis-suq nazzjonali permezz ta' uffiċċju tal-fergħa;
b) impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni oħra taż-ŻEE b'sehem fis-suq nazzjonali permezz ta' uffiċċju tal-fergħa jew b'libertà biex jipprovdu servizzi.

1.36. Negozju relatat mal-Assigurazzjoni tal-Ħajja u Mhux tal-Ħajja għandu jiġi kkunsidrat separatament.

**Il-Linja Gwida 6 – Il-kalkolu tas-sehem tas-suq għal negozju relatat mal-assigurazzjoni tal-ħajja**

1.37. Għal negozju relatat mal-assigurazzjoni tal-Ħajja, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom:

a) Jidentifikaw l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li qed jiktbu negozju relatat mal-assigurazzjoni jew mar-riassigurazzjoni tal-ħajja li huma mistennija li jkunu jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva Solvenza II fid-data ta' bidu tal-applikazzjoni tagħha, abbażi tal-informazzjoni disponibbli meta ssir in-notifika;
b) Jikkalkulaw is-sehem tas-suq ta' kull waħda minnhom, billi jiddividu l-ammont tad-dispożizzjonijiet tekniċi gross tal-assigurazzjoni tal-ħajja tagħha bl-ammont totali tad-dispożizzjonijiet tekniċi gross tal-assigurazzjoni tal-ħajja tal-impriżi kollha tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni identifikati fil-paragrafu preċedenti u;
c) Jidentifikaw l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li għalihom is-sehem akkumulat tas-suq ikkalkolat fil-paragrafu preċedenti jilħaq mill-anqas 80% għall-fini tal-Linja Gwida 3 u ta' 50% għall-fini tal-Linja Gwida 4.

**Il-Linja Gwida 7 – Il-kalkolu tas-sehem tas-suq għal negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja**

1.38. Għal negozju tal-assigurazzjoni Mhux tal-ħajja, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom:

a) Jidentifikaw l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jiktbu negozju tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja li huma mistennija li jkunu jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva Solvenza II fid-data tal-bidu tal-applikazzjoni tagħha, abbażi tal-informazzjoni disponibbli meta ssir in-notifika;
b) Jikkalkulaw is-sehem tas-suq ta' kull waħda minnhom, billi jiddividu l-ammont tal-primjums gross tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja miktuba, l-


© EIOPA 2013

assigurazzjoni diretta u r-riassigurazzjoni aċċettata, bl-ammont totali ta' primjums gross tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja miktuba, l-assigurazzjoni diretta u r-riassigurazzjoni aċċettata, tal-impriżi kollha tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni identifikati fil-paragrafu preċedenti u;

c) Jidentifikaw l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li għalihom is-sehem akkumulat tas-suq ikkalkolat fil-paragrafu preċedenti jilħaq mill-anqas 80% għall-fini tal-Linja Gwida 3 u ta' 50% għall-fini tal-Linja Gwida 4.

**Il-Linja Gwida 8 – In-notifika mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni**

1.39. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jaqgħu f'dawn il-limiti, mhux aktar tard minn 11-il xahar qabel id-dati ta' referenza tas-sottomissjoni inizjali indikati fil-Linja Gwida 35.

**Il-Linja Gwida 9 – Il-limiti ta' sottomissjoni annwali ta' informazzjoni kwantitattiva tal-gruppi**

1.40. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li tal-anqas l-impriżi parteċipanti tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni li jmexxu grupp tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni b'aktar minn EUR 12-il biljun jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali tal-assi totali fil-karta tal-bilanċ konsolidata tal-kontabilità għall-perjodu ta' rapportar li jintemm matul l-2012, jissottomettu lill-kontrollur tal-grupp is-sett ta' informazzjoni kwalitattiva annwali identifikata fil-Linja Gwida 17.

1.41. L-ammont ekwivalenti fil-munita nazzjonali għandu jiġi kkalkulat billi tiġi applikata r-rata tal-kambju fi tmiem il-perjodu ta' rapportar għall-finijiet superviżorji msemmija fil-paragrafu preċedenti.

1.42. Jekk fi Stat Membru ma jkun hemm l-ebda grupp tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jkollu l-kwartieri ġenerali fit-territorju tiegħu li jaqa' taħt il-paragrafu 1.41., l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiddeċiedi jekk xi gruppi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li għandhom il-kwartieri ġenerali fit-territorju tagħha għandhomx jissottomettu lill-kontrollur tal-grupp is-sett ta' informazzjoni kwalitattiva annwali identifikata fil-Linja Gwida 17, b'kunsiderazzjoni ta' mill-anqas in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti għan-negozju tal-grupp u s-sinifikat tagħhom fis-suq lokali.

1.43. Meta jiġi applikat il-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiżgura li l-assi totali jiġu kkalkolati u kkomunikati lill-kontrollur tal-grupp mill-grupp, abbażi tas-somma proporzjonali tal-assi totali kollha tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u tal-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni li jagħmlu parti mill-grupp fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp.

**Il-Linja Gwida 10 – Il-limiti ta' rapportar kwantitattiv trimestrali tal-gruppi**



© EIOPA 2013

1.44. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li tal-anqas l-impriżi parteċipanti tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni li jmexxu grupp tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni b'aktar minn EUR 12-il biljun jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali tal-assi totali fil-karta tal-bilanċ konsolidata tal-kontabilità għall-perjodu ta' rapportar li jintemm matul l-2012, jissottomettu lill-kontrollur tal-grupp is-sett ta' informazzjoni kwantitattiva trimestrali identifikata fil-Linja Gwida 20.

1.45. L-ammont ekwivalenti fil-munita nazzjonali għandu jiġi kkalkulat billi tiġi applikata r-rata tal-kambju fi tmiem il-perjodu ta' rapportar għall-finijiet superviżorji msemmija fil-paragrafu preċedenti.

1.46. Jekk fi Stat Membru ma jkun hemm l-ebda grupp tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jkollu l-kwartieri ġenerali fit-territorju tiegħu li jaqa' taħt il-paragrafu 1.45., l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiddeċiedi jekk xi gruppi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li għandhom il-kwartieri ġenerali fit-territorju tagħha għandhomx jissottomettu lill-kontrollur tal-grupp is-sett ta' informazzjoni kwantitattiva trimestrali identifikata fil-Linja Gwida 20, b'kunsiderazzjoni ta' mill-anqas tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti għan-negozju tal-grupp u s-sinifikat tagħhom fis-suq lokali.

1.47. Meta jiġi applikat il-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiżgura li l-assi totali jiġu kkalkolati u kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-grupp, abbażi tas-somma proporzjonali tal-assi totali kollha tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u tal-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni li jagħmlu parti mill-grupp fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp.

**Il-Linja Gwida 11 – Notifika mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lill-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti jew il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni li tmexxi grupp tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni**

1.48. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew lill-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni li tmexxi grupp tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li taqa' f'dawn il-limiti mhux aktar tard minn 11-il xahar qabel id-dati ta' referenza tas-sottomissjoni inizjali indikati fil-Linja Gwida 35, li huma meħtieġa jissottomettu lill-kontrollur tal-grupp is-sett ta' informazzjoni kwantitattiva trimestrali identifikata fil-Linja Gwida 20, u s-sett ta' informazzjoni kwantitattiva annwali identifikata fil-Linja Gwida 17.

**Il-Linja Gwida 12 – Il-limiti ta' rapportar narrattiv**

1.49. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni


© EIOPA 2013

parteċipanti jew il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Linji Gwida 3 u 9 jissottomettu lill-awtorità nazzjonali kompetenti korrispondenti s-sett ta' informazzjoni narrattiva identifikata fis-Sezzjoni IV sa Sezzjoni VI ta' dawn il-Linji Gwida.

## Sezzjoni III: L-informazzjoni kwantitattiva

### Il-Linja Gwida 13 – L-informazzjoni kwantitattiva annwali minn impriżi individwali

1.50. Skont l-Artikoli 35 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi individwali tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Linja Gwida 3 jissottomettu kull sena lill-awtorità nazzjonali kompetenti, il-punti li ġejjin kif definit fl-Anness Tekniku I, bid-dettall deskritt fl-Anness Tekniku II, u taħt ir-referenzi indikati hawn taħt:

a) S.01.01.b – Kontenut tas-sottomissjoni;
b) S.01.02.b - Informazzjoni bażika;
c) S.02.01.b - Karta tal-bilanċ;
d) S.02.02.b - Assi u obbligi skont il-munita;
e) S.06.02.b - Lista ta' assi;
f) S.08.01.b - Derivattivi miftuħa;
g) S.12.01.b - Dispożizzjonijiet Tekniċi dwar Tekniki ta' Assigurazzjoni tal-Ħajja u tas-Saħħa Simili għall-Assigurazzjoni tal-Ħajja;
h) S.17.01.b – Dispożizzjonijiet Tekniċi dwar Assigurazzjoni Mhux tal-Ħajja;
i) S.23.01.b
– Fondi proprji;
j) S.25.01.b - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza –Formula Standard jew Mudelli Interni Parzjali;
k) S.25.02.b - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza –Mudelli Interni Parzjali;
l) S.25.03.b - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza –Mudelli Interni Sħaħ;
m) S.26.01.b - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – Riskju tas-suq;
n) S.26.02.b - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza - Riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti;
o) S.26.03.b - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – Riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tal-ħajja;
p) S.26.04.b - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza - Riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tas-saħħa;
q) S.26.05.b - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza - Riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja;
r) S.26.06.b - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – Riskju operattiv;
s) S.27.01.b - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – Riskju ta' katastrofi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja;
t) S.28.01.b - Rekwiżit ta' Kapital Minimu – Impriżi mhux komposti, u-;
-
u) S.28.02.b - Rekwiżit ta' Kapital Minimu - Impriżi komposti.


© EIOPA 2013

1.51. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu d) għandha tiġi sottomessa għal tal-anqas in-numru ta' muniti meħtieġa biex tal-anqas jiġu rrapportati 90 % tal-assi u l-obbligi totali, fejn il-muniti li jridu jiġu rrapportati huma dawk sottostanti għall-assi u l-obbligi.

1.52. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi g) u h) skont il-pajjiż għandha tiġi sottomessa għall-pajjiż ta' oriġini u għal numru addizzjonali ta' pajjiżi meħtieġa għar-rapportar sa 90 % tal-Aqwa Stima għan-negozju dirett f'ċertu Linja ta' negozju, bil-bqija li jiġi rapportat fil-punti "Għall-pajiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea barra l-valuri limitu ta' materjalità" jew "Għal pajjiżi mhux taż-Żona Ekonomika Ewropea barra l-valur limitu ta' materjalità".

**Il-Linja Gwida 14 – L-informazzjoni kwantitattiva annwali minn impriżi individwali – Il-Mudelli Interni**

1.53. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma involuti mal-awtorità nazzjonali kompetenti fi proċess ta' preapplikazzjoni għal mudell intern li jintuża għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza, jissottomettu kull sena lill-awtorità nazzjonali kompetenti, sad-dati ta' skadenza ddefiniti fil-Linja Gwida 35, l-informazzjoni rilevanti identifikata fil-Linja Gwida 13

1.54. Għall-informazzjoni dwar il-kalkolu tal-mudell intern tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza, l-informazzjoni rilevanti identifikata f'm) sa s) tal-Linja Gwida 13 skont il-kategorizzazzjoni speċifika tar-riskji tal-mudell intern speċifiku u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba mill-awtorità nazzjonali kompetenti dwar il-mudell intern fil-preapplikazzjoni għandhom jiġu sottomessi skont il-mudelli speċifiċi miftiehma mill-awtorità nazzjonali kompetenti rispettiva.

**Il-Linja Gwida 15 – L-informazzjoni kwantitattiva annwali minn impriżi individwali – Il-Fondi Magħluqa**

1.55. Minbarra l-informazzjoni dwar ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza fuq il-livell ta' entità, għandha tiġi sottomessa, b'mod separat, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu j) tal-Linja Gwida 13, dwar il-Fond Magħluq bir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza l-aktar kunċettwalment materjali u dwar il-parti li jifdal tan-negozju tal-impriża li tuża r-referenzi S.25.01.l.

1.56. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi m) sa s) tal-Linja Gwida 13 għandha tiġi sottomessa, b'mod separat, dwar il-Fond Magħluq bir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza l-aktar kunċettwalment materjali u dwar il-parti li jifdal tan-negozju u l-impriża li tuża r-referenzi S.26.01.l sa S.26.06.l u S.27.01.l.

1.57. Meta impriża tkun qed tuża mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza, għandu jitqies l-SCR kunċettwali għall-Fond Magħluq u l-parti li jifdal, meta tiġi sottomessa l-informazzjoni rilevanti identifikata f'k) u l) tal-



© EIOPA 2013

Linja Gwida 13, skont il-mudelli speċifiċi miftiehma mal-awtorità nazzjonali kompetenti rispettiva.

**Il-Linja Gwida 16 – L-informazzjoni kwantitattiva trimestrali minn impriżi individwali**

1.58. Skont l-Artikoli 35 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi individwali tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Linja Gwida 4 kull trimestru jissottomettu lill-awtorità nazzjonali kompetenti, il-punti li ġejjin kif definit fl-Anness Tekniku I, bid-dettall deskritt fl-Anness Tekniku II, u taħt ir-referenzi indikati hawn taħt:

a) S.01.01.a – Kontenut tas-sottomissjoni;
b) S.01.02.a – Informazzjoni bażika;
c) S.02.01.a – Karta tal-bilanċ;
d) S.06.02.a – Lista ta' assi;
e) S.08.01.a – Derivattivi miftuħa;
f) S.12.01.a – Dispożizzjonijiet Tekniċi dwar Tekniki ta' Assigurazzjoni tal-Ħajja u tas-Saħħa Simili għall-Assigurazzjoni tal-Ħajja;
g) S.17.01.a – Dispożizzjonijiet Tekniċi dwar Assigurazzjoni Mhux tal-Ħajja;
h) S.23.01.a – Fondi Proprji;
i) S.28.01.a - Rekwiżit ta' Kapital Minimu – Impriżi mhux komposti, u;
j) S.28.02.a - Rekwiżit ta' Kapital Minimu - Impriżi komposti.

1.59. Minkejja l-Linja Gwida 4, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jeżentaw l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-kumpaniji mis-sottomissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu ta' qabel.

**Il-Linja Gwida 17 – L-informazzjoni kwantitattiva annwali tal-gruppi**

1.60. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi parteċipanti tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew il-kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni li jmexxu grupp tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Linja Gwida 9 kull sena jissottomettu lill-awtorità nazzjonali kompetenti, il-punti li ġejjin kif definit fl-Anness Tekniku I, bid-dettall deskritt fl-Anness Tekniku II, u taħt ir-referenzi indikati hawn taħt:

a) S.01.01.g – Kontenut tas-sottomissjoni;
b) S.01.02.g – Informazzjoni bażika
c) S.02.01.g - Karta tal-bilanċ, meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f'kombinazzjoni mal-metodu 1 jew il-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;
d) S.06.02.g - Lista ta' assi;
e) S.08.01.g – Derivattivi miftuħa;
f) S.23.01.g - Fondi proprji;



© EIOPA 2013

g) S.25.01.g - Rekwiżit ta’ Kapital tas-Solvenza –Formula Standard jew Mudelli Interni Parzjali meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f’kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;

h) S.25.02.g - Rekwiżit ta’ Kapital tas-Solvenza –Mudelli Interni Parzjali, meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f’kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;

i) S.25.03.g - Rekwiżit ta’ Kapital tas-Solvenza –Mudelli Interni Sħaħ, meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f’kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;

j) S.26.01.g - Rekwiżit ta’ Kapital tas-Solvenza - Riskju tas-suq, meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f’kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;

k) S.26.02.g - Rekwiżit ta’ Kapital tas-Solvenza - Riskju ta’ inadempjenza tal-kontroparti, meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f’kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;

l) S.26.03.g - Rekwiżit ta’ Kapital tas-Solvenza - Riskju ta’ sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tal-ħajja, meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f’kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;

m) S.26.04.g - Rekwiżit ta’ Kapital tas-Solvenza - Riskju ta’ sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tas-saħħa, meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f’kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;

n) S.26.05.g - Rekwiżit ta’ Kapital tas-Solvenza - Riskju ta’ sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f’kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;

o) S.26.06.g - Rekwiżit ta’ Kapital tas-Solvenza - Riskju operattiv, meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f’kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;

p) S.27.01.g - Rekwiżit ta’ Kapital tas-Solvenza - Riskju ta’ katastrofi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f’kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;

q) S.32.01.g – Impriżi fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-grupp;

r) S.33.01.g – Rekwiżiti individwali tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni;

s) S.34.01.g – Impriżi finanzjarji regolati u mhux regolati oħra inkluż rekwiżiti individwali ta’ kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u;



© EIOPA 2013

t) S.35.01.g – Kontribut għad-dispożizzjonijiet tekniċi tal-grupp.

1.61. Skont l-Artikolu 220(2) tad-Direttiva Solvenza II, minkejja l-paragrafu 1.63., l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rwol ta' kontrollur tal-grupp għandhom jiffurmaw opinjoni, wara li jikkonsultaw l-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati u l-grupp innifsu, dwar jekk grupp tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jistax japplika l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II jew il-kombinazzjoni tal-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II u l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II, fejn l-applikazzjoni esklussiva tal-metodu 1 ma tkunx meqjusa xierqa fir-rigward tal-operazzonijiet taż-ŻEE.

1.62. Fir-rigward tal-impriżi ta' pajjiżi terżi, il-grupp tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u kontrollur tal-grupp għandhom jidħlu fi djalogu dwar il-metodu ta' kalkolu li l-grupp ser juża biex jiddetermina s-solvenza tal-grupp għall-fażi preparatorja. Il-grupp tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandu jispjega lill-kontrollur tal-grupp għaliex l-applikazzjoni esklussiva tal-metodu 1 mhijiex meqjusa xierqa.

1.63. Matul il-fażi preparatorja, il-grupp għandu jiddeċiedi liema metodu japplika wara li jkun ikkunsidra r-riżultat tad-djalogu mal-kontrollur tal-grupp. F'każ li l-grupp ikun beħsiebu japplika matul il-fażi preparatorja l-metodu 2 jew il-kombinazzjoni tal-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II u l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II u dan ma jkunx konformi mar-riżultat tad-djalogu, il-gruppi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandhom jikkomunikaw ir-raġuni għad-devjazzjoni mill-eżitu tad-djalogu qabel ma jibdew il-kalkoli ta' solvenza tagħhom għall-fażi preparatorja.

1.64. L-użu tal-metodu 2 jew il-kombinazzjoni tal-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II u l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II għandu jiġi applikat mingħajr preġudizzju għal xi deċiżjoni futura tal-kontrollur tal-grupp ladarba Solvenza II tkun applikabbli.

**Il-Linja Gwida 18 – L-informazzjoni kwantitattiva annwali tal-gruppi – Il-Mudelli Interni**

1.65. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-gruppi li huma involuti mal-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti fi proċess ta' preapplikazzjoni għal mudell intern li jintuża fil-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza, jissottemettu kull sena lill-awtorità nazzjonali kompetenti, sad-dati ta' skadenza ddefiniti fil-Linja Gwida 35, l-informazzjoni rilevanti identifikata fil-Linja Gwida 17.

1.66. F'każ ta' mudelli interni tal-grupp taħt preapplikazzjoni li jintużaw għall-kalkolu kemm tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza tal-grupp u xi Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza ta' impriżi relatati, għall-informazzjoni dwar il-kalkolu tal-mudell intern tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza, l-informazzjoni rilevanti f'j) sa p)


© EIOPA 2013

tal-Linja Gwida 17 skont il-kategorizzazzjoni speċifika tar-riskji tal-mudell intern speċifiku u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba mill-awtorità nazzjonali kompetenti dwar il-mudell intern fi preapplikazzjoni għandha tiġi sottomessa skont il-mudelli speċifiċi miftiehma mal-awtorità nazzjonali kompetenti rispettiva.

**Il-Linja Gwida 19 – L-informazzjoni kwantitattiva annwali tal-gruppi – Il-Fondi Magħluqa**

1.67. Meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f'kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II, flimkien mal-informazzjoni dwar il-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza II fil-livell tal-grupp, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu g) tal-Linja Gwida 17 għandha tiġi sottomessa, b'mod separat, dwar il-Fond Magħluq bir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza l-aktar kunċettwalment materjali u dwar il-parti li jifdal tan-negozju tal-gruppi li jużaw ir-referenzi S.25.01.n.

1.68. Meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, jew esklussivament jew f'kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu j) sa p) tal-Linja Gwida 17 għandha tiġi sottomessa, b'mod separat, dwar il-Fond Magħluq bir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza l-aktar kunċettwalment materjali u dwar il-parti li jifdal tan-negozju tal-grupp li juża r-referenzi S.26.01.n sa S.26.06.n u S.27.01.n.

1.69. Meta jintuża l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu r) tal-Linja Gwida 17, fiċ-ċelloli B1 sa B7 kif definit fl-Anness II, għandha tiġi sottomessa għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzoni, b'mod separat, fuq il-livell ta' entità, dwar il-Fond Magħluq bir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza l-aktar kunċettwalment materjali u l-parti li jifdal tan-negozju.

1.70. Meta impriża tkun qed tuża mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza, għandu jitqies l-SCR kunċettwali għall-Fond Magħluq materjali u l-parti li jifdal, meta tiġi sottomessa l-informazzjoni rilevanti identifikata f'h) u i) tal-Linja Gwida 17, skont il-mudelli speċifiċi miftiehma mal-awtorità nazzjonali kompetenti rispettiva.

**Il-Linja Gwida 20 – L-informazzjoni kwantitattiva trimestrali tal-gruppi**

1.71. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi parteċipanti tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni li jmexxu grupp tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Linja Gwida 10 kull trimestru jissottomettu lill-awtorità nazzjonali kompetenti, il-punti li ġejjin kif definit fl-Anness Tekniku I, bid-dettall deskritt fl-Anness Tekniku II u taħt ir-referenzi indikati hawn taħt:


© EIOPA 2013

a) S.0.01.f – Kontenut tas-sottomissjoni;
b) S.01.02.f - Informazzjoni bażika;
c) S.02.01.f - Karta tal-bilanċ, meta l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II jintuża, jew esklussivament jew f'kombinazzjoni mal-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;
d) S.06.02.f - Lista ta' assi;
e) S.08.01.f - Derivattivi miftuħa, u;
f) S.23.01.f - Fondi proprji.

## Sezzjoni IV: L-informazzjoni narrattiva dwar is-sistema ta' governanza

### Il-Linja Gwida 21 – L-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti ġenerali ta' governanza

1.72. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar ir-rekwiżiti ġenerali ta' governanza ta' impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni:

a) informazzjoni li tippermetti lill-awtorità nazzjonali kompetenti tikseb fehim tajjeb tas-sistema ta' governanza fi ħdan l-impriża, u biex tivvaluta l-adegwatezza tagħha għall-istrateġija kummerċjali u għall-operat tal-impriża;
b) informazzjoni relatata mad-delegazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-impriża, il-linji ta' rapportar u l-allokazzjoni ta' funzjonijiet, u;
c) l-istruttura tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża, li tipprovdi deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin tagħhomu deskrizzjoni qasira tas-segregazzjoni tar-responsabbiltajiet fi ħdan dawn il-korpi, b'mod partikolari jekk jeżistux kumitati rilevanti fi ħdanhom, kif ukoll deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-funzjonijiet ewlenin li jkollhom dawn il-korpi.

### Il-Linja Gwida 22 – L-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità

1.73. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-konformità tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mar-rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità:

a) lista tal-persuni fl-impriża, jew esterni għall-impriża fil-każ li l-impriża tkun esternalizzat funzjonijiet ewlenin li huma responsabbli minn funzjonijiet ewlenin, u;
b) informazzjoni dwar il-politiki u l-proċessi stabbiliti mill-impriża biex tiżgura li dawk il-persuni huma kompetenti u idonei.

### Il-Linja Gwida 23 – L-informazzjoni dwar is-sistema ta' ġestjoni tar-riskju

1.74. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar is-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni:


© EIOPA 2013

a) deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-impriża li tinkludi l-istrateġiji, il-proċessi u l-proċeduri ta' rapportar, u kif hija kapaċi tidentifika, tkejjel, timmonitorja, iġġestixxi u tirrapporta b'mod effettiv, fuq bażi kontinwa, ir-riskji fuq livell individwali u aggregat, li għalihom l-impriża hija jew tista' tkun esposta;
b) deskrizzjoni ta' kif is-sistema ta' ġestjoni tar-riskju inkluż il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju hija implimentata u integrata fl-istruttura organizzattiva u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-impriża;
c) informazzjoni dwar l-istrateġiji għall-ġestjoni tar-riskju tal-impriża, l-objettivi, l-proċessi u l-proċeduri ta' rapportar għal kull kategorija ta' riskju, bi spjegazzjoni dwar kif dawn jiġu dokumentati, immonitorjati u infurzati;
d) informazzjoni dwar kif l-impriża tissodisfa l-obbligu tagħha relatat mal-'prinċipju tal-persuna prudenti' kif stabbilit fil-Linji Gwida 22 sa 30 dwar is-Sistema ta' Governanza;
e) informazzjoni dwar kif l-impriża tivverifika l-adegwatezza tal-valutazzjonijiet ta' kreditu minn istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu inkluż il-mod kif u sa liema punt il-valutazzjonijiet tal-kreditu minn istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu jintużaw.

**Il-Linja Gwida 24 – L-informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll intern**

1.75. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi l-informazzjoni li ġejja rigward is-sistema ta' kontroll intern tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni:

a) deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll intern tal-impriża;
b) informazzjoni dwar il-proċeduri ewlenin li s-sistema ta' kontroll intern tinkludi, u;
c) deskrizzjoni ta' kif il-funzjoni ta' konformità tiġi implimentata.

**Il-Linja Gwida 25 – L-informazzjoni addizzjonali**

1.76. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi kwalunkwe informazzjoni materjali oħra dwar is-sistema ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

**Il-Linja Gwida 26 – L-informazzjoni dwar is-sistema ta' governanza – Il-gruppi**

1.77. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-Linji Gwida 21 sa 25 japplikaw għall-gruppi.

1.78. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-gruppi jipprovdu addizzjonalment l-informazzjoni li ġejja:

a) deskrizzjoni ta' kif is-sistemi tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontroll intern u l-proċeduri ta' rapportar jiġu implimentati b'mod konsistenti fl-impriżi kollha


© EIOPA 2013

inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' superviżjoni ta' grupp, kif imsemmi fil-Linji Gwida dwar is-Sistema ta' Governanza;

b) fejn applikabbli, dikjarazzjoni li l-impriża parteċipanti tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni tkun għamlet użu mill-għażla biex twettaq valutazzjoni waħda li tħares 'il quddiem tad-dokument tar-riskji proprji kif stabbilit fil-Linji Gwida 20 u 23 tal-valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji, u;

c) informazzjoni dwar kwalunkwe arranġamenti materjali ta' esternalizzazzjoni bejn l-impriżi tal-grupp;

d) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar riskji materjali speċifiċi fil-livell ta' grupp.

### Il-Linja Gwida 27 – L-informazzjoni dwar l-Istruttura ta' Governanza

1.79. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi ċart organizzattiva li tindika l-pożizzjonijiet ta' detenturi ta' funzjonijiet ewlenin fl-informazzjoni dwar l-istruttura ta' governanza.

## Sezzjoni V: L-informazzjoni narrattiva dwar il-Ġestjoni tal-kapital

### Il-Linja Gwida 28 – L-informazzjoni dwar Fondi proprji

1.80. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar il-fondi proprji tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u tal-grupp:

a) spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenzi materjali bejn l-ekwità kif jidher fir-rapporti finanzjarji tal-impriża u l-eċċess ta' assi fuq l-obbligi kif ikkalkulata għall-finijiet ta' solvenza, u;

b) informazzjoni dwar l-istruttura, l-ammont u l-kwalità tal-fondi bażiċi proprji u l-fondi anċillari proprji.

1.81. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar il-fondi proprji tal-grupp:

a) Kif il-fondi proprji jkunu ġew ikkalkulati netti minn kwalunkwe tranżazzjonijiet bejn l-impriżi tal-grupp, inkluż tranżazzjoni bejn l-impriżi tal-grupp ma' impriżi ta' setturi finanzjarji oħra, u;

b) In-natura tar-restrizzjonijiet għat-trasferibbiltà u l-funġibilità tal-fondi proprji fl-impriżi relatati, jekk ikun hemm.

## Sezzjoni VI: L-informazzjoni narrattiva dwar Valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza

### Il-Linja Gwida 29 – L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-assi



© EIOPA 2013

1.82. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar il-valutazzjoni tal-assi proprji tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għall-finijiet ta' solvenza:

a) separatament għal kull klassi materjali ta' assi, il-valur tal-assi kif ukoll deskrizzjoni tal-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza, u;
b) separatament għal kull klassi materjali ta' assi, spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali bejn il-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati mill-impriża għall-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza u dawk użati għall-valutazzjoni tagħhom fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

**Il-Linja Gwida 30 – L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni ta' dispożizzjonijiet tekniċi**

1.83. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar il-valutazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tad-dispożizzjonijiet tekniċi tagħhom għall-finijiet ta' solvenza:

a) separatament għal kull linja materjali ta' negozju l-valur tad-dispożizzjonijiet tekniċi, inkluż l-ammont tal-aqwa stima u l-marġini tar-riskju, kif ukoll deskrizzjoni tal-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-valutazzjoni tagħhom għall-finijiet ta' solvenza;
b) deskrizzjoni tal-livell ta' inċertezza assoċjat mal-ammont ta' dispożizzjonijiet tekniċi;
c) separatament għal kull linja materjali ta' negozju, spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali bejn il-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati mill-impriża għall-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza u dawk użati għall-valutazzjoni tagħhom f'dikjarazzjonijiet finanzjarji, u;
d) deskrizzjoni tal-irkuprabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u vetturi bi skopijiet speċjali.

1.84. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi dettalji tal-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet attwarji rilevanti użati fil-kalkolu tad-dispożizzjonijiet tekniċi inkluż dettalji ta' kwalunkwe simplifikazzjoni użata fil-kalkolu tad-dispożizzjoni teknika, inkluż derivazzjoni tal-marġini tar-riskju u l-allokazzjoni tiegħu għal-linji singoli tan-negozju u inkluż ġustifikazzjoni li l-metodu magħżul huwa proporzjonat man-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji.

**Il-Linja Gwida 31 – L-informazzjoni dwar il-Valutazzjoni ta' obbligi oħra**


© EIOPA 2013

1.85. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar il-valutazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta' obbligi oħra għall-finijiet ta' solvenza:

a) separatament għal kull klassi materjali ta' obbligi oħra l-valur ta' obbligi oħra kif ukoll deskrizzjoni tal-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-valutazzjoni tagħhom għall-finijiet ta' solvenza, u;
b) separatament għal kull klassi materjali ta' obbligi oħra, spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali bil-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet tal-valutazzjoni ewlenin użati mill-impriża għall-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza u dawk użati għall-valutazzjoni tagħhom f'dikjarazzjonijiet finanzjarji.

**Il-Linja Gwida 32 – Kwalunkwe informazzjoni materjali oħra**

1.86. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi sezzjoni separata dwar kwalunkwe informazzjoni materjali oħra rigward il-valutazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-assi u l-obbligi għall-finijiet ta' solvenza.

1.87. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi għall-finijiet ta' solvenza għandha tinkludi deskrizzjoni ta':

a) is-suppożizzjonijiet rilevanti dwar azzjonijiet futuri ta' ġestjoni, u;
b) is-suppożizzjonijiet rilevanti dwar l-imġiba tad-detenturi tal-poloz.

1.88. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport narrattiv imsemmi fil-Linja Gwida 12 jinkludi, meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw tekniki ta' valwazzjoni skont mudell informazzjoni dwar:

a) l-identifikazzjoni tal-assi u l-obbligi li għalihom japplika dak l-approċċ ta' valutazzjoni;
b) ġustifikazzjoni tal-użu ta' dak l-approċċ ta' valutazzjoni għall-assi u l-obbligi msemmija fil punt a);
c) dokumentazzjoni tas-suppożizzjonijiet sottostanti dak l-approċċ ta' valutazzjoni u;
d) valutazzjoni tal-inċertezza tal-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi msemmija fil-punt a).

**Il-Linja Gwida 33 – L-informazzjoni dwar Valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza –Il-gruppi**

1.89. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-Linji Gwida 29 sa 32 japplikaw għall-gruppi u jinkludu wkoll l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-grupp għall-finijiet ta'


© EIOPA 2013

solvenza, fejn il-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati fil-livell tal-grupp għall-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza tal-assi, id-dispożizzjonijiet tekniċi u l-obbligazzjonijiet oħra tal-grupp ivarjaw materjalment minn dawk użati minn xi waħda mis-sussidjarji tiegħu għall-valutazzjoni għall-finijiet ta' solvenza tal-assi, id-dispożizzjonijiet tekniċi u l-obbligazzjonijiet oħra tiegħu, spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenzi materjali.

## Sezzjoni VII: Il-proċess ta' rapportar u l-politika ta' rapportar tal-impriżi

### Il-Linja Gwida 34 - Il-politika ta' rapportar tal-impriżi

1.90. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistabbilixxu politika ta' rapportar li tkun konformi mal-Linja Gwida 9 tal-Linji Gwida dwar is-Sistema ta' Governanza, u addizzjonalment:

a) tipprovdi dettalji dwar liema unità tan-negozju hija responabbli mill-abbozzar ta' kwalunkwe rapportar lill-kontrollur flimkien ma' dawk l-unitajiet tan-negozju li huma responsabbli mir-reviżjoni ta' kwalunkwe rapportar lill-kontrollur;
b) tistabbilixxi l-proċessi u l-iskeda taż-żmien għat-twettiq tad-diversi rekwiżiti ta' rapportar u reviżjoni u approvazzjoni, u;
c) tispjega l-proċessi u l-kontrolli biex l-affidabbiltà, il-kompletezza u l-konsistenza tad-dejta pprovduta jiġu garantiti biex tiffaċilita l-analiżi u t-tqabbil matul is-snin.

## Sezzjoni VIII: Id-dati tal-applikazzjoni inizjali u l-iskadenzi

### Il-Linja Gwida 35 – Id-dati ta' referenza tas-sottomissjoni inizjali u l-iskadenzi għas-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

1.91. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissottomettu l-informazzjoni kwantitattiva annwali msemmija fis-Sezzjoni III, il-Linji Gwida 13, 14, u 15, dwar l-informazzjoni kwalitattiva annwali relatata mas-sena finanzjarja li tintemm fl-31 ta' Diċembru 2014, mhux aktar tard minn 22 ġimgħa wara t-tmiem tas-sena finanzjarja tal-impriża.

1.92. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jissottomettu l-informazzjoni kwantitattiva trimestrali msemmija fis-Sezzjoni III, il-Linja Gwida 16, dwar il-mudelli kwantitattivi trimestrali relatati mat-trimestru li jintemm fit-30 ta' Settembru 2015, mhux aktar tard minn 8 ġimgħat wara t-tmiem tat-trimestru.


© EIOPA 2013

1.93. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapportar narrattiv imsemmi fis-Sezzjonijiet IV sa VI jiġi sottomess, fir-rigward tas-sena finanzjarja li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2014, mhux aktar tard minn 22 ġimgħa wara t-tmiem tas-sena finanzjarja tal-impriża.

1.94. Għar-rapportar mill-gruppi, is-sottomissjoni tal-informazzjoni msemmija fis-Sezzjoni III, il-Linji Gwida 17, 18, 19 u 20 u r-rapport narrattiv imsemmi fis-Sezzjonijiet IV sa VI, huma miżjuda 6 ġimgħat mad-dati għas-sottomissjoni annwali u trimestrali msemmija fil-paragrafi preċedenti.

1.95. Fejn l-impriżi jew il-gruppi huma permessi mil-liġi nazzjonali jirrapportaw l-informazzjoni finanzjarja abbażi tat-tmiem is-sena fiskali li tiddevja mis-sena kalendarja, id-dati ta' referenza tar-rapportar jistgħu jiġu aġġustati kif xieraq. Id-dati ta' referenza li jridu jintużaw għandhom ikunu approvati mill-awtorità superviżorja.

## Sezzjoni IX: Il-mezzi għar-rapportar, il-munita, l-unitajiet u l-verifiki tad-dejta u oħrajn

### Il-Linja Gwida 36 – Il-Linji tan-Negozju u l-Kodiċi Kumplimentari ta' Identifikazzjoni

1.96. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li meta l-informazzjoni sottomessa taħt dawn il-Linji Gwida tkun meħtieġa minn Linja tan-Negozju, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw il-Linjitan-Negozju kif definit taħt l-Anness Tekniku III.

1.97. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li fir-rigward ta' informazzjoni dwar l-assi u d-derivattivi taħt dawn il-Linji Gwida, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw il-kategoriji u t-tabella tal-Kodiċi Kumplimentari ta' Identifikazzjoni kif definit taħt l-Annessi Tekniċi IV u V.

### Il-Linja Gwida 37 – Il-mezzi tar-rapportar

1.98. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kwantitattiva msemmija fis-Sezzjoni III tiġi sottomessa b'mod elettroniku u r-rapport narrattiv imsemmi fis-Sezzjonijiet IV sa VI jiġi sottomess b'format li jinqara elettronikament lill-awtorità nazzjonali kompetenti.

### Il-Linja Gwida 38 – Il-munita u l-unitajiet

1.99. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li d-dejta monetarja kollha tiġi sottomessa fil-munita tar-rapportar tal-impriża u tal-grupp, li teħtieġ il-konverżjoni ta' muniti oħra fil-munita tar-rapportar, bir-rata tal-kambju fl-aħħar tal-perjodu ta' rapportar.



© EIOPA 2013

1.100. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li d-dejta kwantitattiva kollha tiġi sottomessa f'unitajiet.

### Il-Linja Gwida 39 – Il-verifiki tad-dejta

1.101. Skont l-Artikoli 35 u 254 tad-Direttiva Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li d-dejta li tasal tkun konformi mal-verifiki tad-dejta identifikati fl-Anness Tekniku VI.

## Regoli ta' Konformità u Rapportar

1.102. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-Linji Gwida u rakkomandazzjonijiet.

1.103. L-awtoritajiet kompetenti li jkunu konformi jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew ta' superviżjoni tagħhom b'mod xieraq.

1.104. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew beħsiebhomx ikunu konformi ma' dawn il-Linji Gwida, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-pubblikazzjoni.

1.105. Fin-nuqqas ta' rispons sad-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti ser ikunu kkunsidrati bħala non-konformi mar-rapportar.

### Dispożizzjoni Finali dwar ir-Reviżjoni

1.106. Dawn il-Linji Gwida għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.

1.107. B'mod partikolari, id-dati msemmija fil-Linja Gwida 35 jistgħu jiġu riveduti abbażi tal-aħħar żviluppi fin-negozjati Omnibus II.



© EIOPA 2013

## Anness Tekniku I: Il-kontenut tal-informazzjoni kwantitattiva

Dan l-Anness jinkludi spjegazzjoni tat-tip ta' informazzjoni li għandhom jinkludu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fis-sottomissjoni tal-informazzjoni rigward kull referenza.

### S.01.01 – Kontenut tas-sottomissjoni

1. Il-kontenut tas-sottomissjoni jinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II skont ir-referenza S.0.01 (varjanti differenti) li jindikaw il-kontenut tal-istanza ta' rapportar li qed tiġi sottomessa.

### S.01.02 – Informazzjoni bażika (dik li kienet BI)

2. L-informazzjoni bażika tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza LS.01.02 (varjanti differenti), li tiddeskrivi fid-dettall l-informazzjoni bażika dwar l-impriża u l-kontenut tar-rapportar kwantitattiv b'mod ġenerali.

### S.02.01 – Karta tal-bilanċ (dik li kienet BS-C1)

3. Il-karta tal-bilanċ tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.02.01 (varjanti differenti) u li tiddistingwi bejn l-evalwazzjoni skont l-artikolu 75 tad-Direttiva Solvenza II u l-valutazzjoni skont il-kontijiet statutorji tal-impriża jew tal-grupp. Il-karta tal-bilanċ għandha tkopri n-negozju kollu tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għar-rapportar individwali jew tan-negozju tal-grupp.

4. Għar-rapportar ta' kull tliet xhur, id-dejta tal-karta tal-bilanċ indikata fil-paragrafu preċedenti għandha tqis il-valutazzjoni biss skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva Solvenza II.

### S.02.02 – Assi u obbligi skont il-munita (dik li kienet BS-C1D)

5. L-assi u l-obbligi skont il-munita jinkludu l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.02.02 (varjanti differenti), fejn il-muniti li għandhom jiġu rrapportati huma dawk tal-assi u l-obbligi sottostanti.

### S.06.02 – Lista ta' assi (dik li kienet AS-D1)

6. Il-lista dettaljata tal-assi tikkomprendi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.06.02 (varjanti differenti), filwaqt li tissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

   a) Lista linja b'linja tal-investimenti li jistgħu jiġu kklassifikati bħala l-kategoriji tal-assi minn 1 sa 9, kif stipulat fl-Anness Tekniku IV – Il-Kategoriji Kumplimentari tal-Kodiċi ta' Identifikazzjoni, li tiddistingwi bejn il-fondi magħluqa ("ring fenced") u, kull meta l-impriża jew il-grupp jagħmlu d-distinzjoni bejn l-



© EIOPA 2013

assigurazzjoni fuq il-ħajja u l-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja għal skopijiet interni, li tiddistingwi bejn dawn iż-żewġ negozji u l-fondi tal-azzjonisti, u;

b) Kull wieħed mill-assi jiġi rrapportat separatament fir-rigward ta' kull portafoll u / jew kull fond magħluq jew fond intern ieħor;

c) Għall-investimenti klassifikabbli skont il-kodiċi CIC li ġej, kif stabbilit fl-Anness Tekniku V – It-Tabella tal-Kodiċi ta' Identifikazzjoni Kumplimentari:
    - CIC 71 (Flus), għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull munita;
    - CIC 72 (Depożiti trasferibbli (ekwivalenti fi flus)), għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull par (bank, munita);
    - CIC 73 (Depożiti oħra għal żmien qasir (anqas minn sena)), għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull par (bank, munita);
    - CIC 8X (Ipoteki u self): għal ipoteki u self lil individwi, inkluż self għal politiki, għandu jkun hemm 2 linji, waħda dwar is-self lill-bord tat-tmexxija superjuri u ieħor dwar self lil individwi oħrajn, mingħajr distinzjoni bejn l-individwi;
    - CIC 95 (Impjant u tagħmir (għal użu proprju)), għandha tiġi rrapportata linja waħda biss, li tiġbor flimkien l-impjanti u t-tagħmir kollu.

7. Għar-rapportar tal-grupp, u minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) Meta l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II jintuża esklussivament, ir-rapportar għandu jirrifletti l-pożizzjoni kkonsolidata tal-assi (jiġifieri t-tranżazzjonijiet netti fost l-impriżi ta' grupp) fi ħdan il-grupp. Ir-rapport għandu jsir kif ġej:

    - L-isem legali tal-impriża ma għandux jiġi rrapportat;

    - Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti u jew il-kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni; għandu jsir rapport linja b'linja tal-assi miżmuma;

    - Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, l-impriżi għal servizzi anċillari u l-vetturi b'għan speċjali li huma sussidjarji: ir-rapport isir linja b'linja tal-assi miżmuma;

    - Għal impriżi oħra relatati li huma sussidjarji: għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull impriża miżmuma u din għandha tiġi identifikata bl-użu tal-għażliet disponibbli fil-Parteċipazzjoni tal-entrata;

    - Għall-impriżi skont liema hija eżerċitata influwenza sinifikanti kif definit fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 1983/349/KE: għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull impriża miżmuma u din għandha tiġi identifikata bl-użu tal-għażliet disponibbli fil-Parteċipazzjoni tal-entrata, u;



© EIOPA 2013

- Setturi Finanzjarji oħrajn: għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull parteċipazzjoni f'settur finanzjarju ieħor miżmum u din għandha tiġi identifikata bl-użu tal-għażliet disponibbli fil-Parteċipazzjoni tal-entrata.

b) Meta l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II jintuża esklussivament, ir-rapport għandu jinkludi l-lista dettaljata tal-assi netti tat-tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp miżmuma mill-impriżi parteċipanti, il-kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni u s-sussidjarji jew linja għal kull impriża miżmuma li taħthom hija eżerċitata influwenza sinifikanti kif definit fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 1983/349/KE. Ir-rapport għandu jsir kif ġej:

  - Għandu jiġi rrapportat l-isem legali tal-impriża;

  - Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti jew il-kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni; għandu jsir rapport linja b'linja tal-assi miżmuma;

  - Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, l-impriżi għal servizzi anċillari u l-vetturi b'għan speċjali li huma sussidjarji (iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea): ir-rapport li jsir linja b'linja tal-assi miżmuma;

  - Għal impriżi relatati oħra li huma sussidjarji (iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea): għandha tiġi rapportata linja b'linja għal kull impriża miżmuma;

  - Għall-impriżi li taħthom hija eżerċitata influwenza sinifikanti kif definit fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 1983/349/KE (iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea): għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull impriża miżmuma, u;

  - Setturi Finanzjarji Oħrajn: għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull parteċipazzjoni f'setturi finanzjarji oħrajn miżmuma.

c) Meta tintuża kombinazzjoni tal-metodu 1, kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, u l-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II:

  i. Parti waħda tar-rapport tirrifletti l-pożizzjoni kkonsolidata tal-assi (jiġifieri t-Tranżazzjonijiet netti fost l-Impriżi ta' Grupp) fi ħdan il-grupp li għandu jiġi rrapportat. Ir-rapport għandu jsir kif ġej:

  - L-isem legali tal-impriża ma għandux jiġi rrapportat;

  - Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti jew il-kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni li għalihom jintuża l-



© EIOPA 2013

metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II: għandu jsir rapport linja b'linja tal-assi miżmuma;

- Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, l-impriżi għal servizzi anċillari u l-vetturi b'għan speċjali li huma sussidjarji li għalihom jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II: ir-rapport isir linja b'linja tal-assi miżmuma;

- Għal impriżi oħra relatati li huma sussidjarji u li għalihomjintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II: għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull impriża miżmuma u din għandha tiġi identifikata bl-użu tal-għażliet disponibbli fil-Parteċipazzjoni tal-entrata;

- Għall-impriżi li taħthom hija eżerċitata influwenza sinifikanti kif definit fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 1983/349/KE u li għalihomhuwa użat il-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II: għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull impriża miżmuma u għandha tiġi identifikata bl-użu tal-għażliet disponibbli fil-Parteċipazzjoni tal-entrata;

- Setturi Finanzjarji Oħrajn: għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull parteċipazzjoni f'settur finanzjarju oħrajn miżmuma u din għandha tiġi identifikata bl-użu tal-għażliet disponibbli fil-Parteċipazzjoni tal-entrata;

- Is-sussidjarji li għalihom jintuża l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II: għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull sussidjarju miżmuma u din għandha tiġi identifikata bl-użu tal-għażliet disponibbli fil-Parteċipazzjoni tal-entrata, u;

- L-impriżi li taħthom hija eżerċitata influwenza sinifikanti kif definit fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 1983/349/KE u li għalihom jintuża l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II: għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull impriża miżmuma u għandha tiġi identifikata bl-użu tal-għażliet disponibbli fil-Parteċipazzjoni tal-entrata.

ii. Il-parti l-oħra tar-rapport għandha tinkludi l-lista dettaljata tal-assi netti tat-Tranżazzjonijiet fost l-Impriżi ta' Grupp miżmuma mill-impriżi parteċipanti, il-kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni u sussidjarji jew linja waħda għal kull impriża miżmuma li taħthomli taħtha hija eżerċitata influwenza sinifikanti fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 1983/349/KE. Ir-rapport għandu jsir kif ġej:

- Għandu jiġi rrapportat l-isem legali tal-impriża;

- Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti jew il-kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni li għalihomjintuża l-



© EIOPA 2013

metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II: għandu jsir rapport linja b'linja tal-assi miżmuma;

- Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, l-impriżi għal servizzi anċillari u l-vetturi b'għan speċjali li huma sussidjarji (iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea) u li għalihom jintuża l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II: ir-rapport isir linja b'linja tal-assi miżmuma;

- Għal impriżi relatati oħra li huma sussidjarji u li għalihom jintuża l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II (iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea): għandha tiġi rapportata linja għal kull impriża relatata oħra;

- Għall-impriżi li taħthom hija eżerċitata influwenza sinifikanti kif definit fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 1983/349/KE u li għalihom jintuża l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II (pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea), għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull impriża miżmuma, u;

- Setturi Finanzjarji Oħrajn: għandha tiġi rrapportata linja waħda għal kull parteċipazzjoni f'setturi finanzjarji oħrajn miżmuma.

**S.08.01 – Derivattivi miftuħa (dik li kienet AS-D20)**

8. Il-lista tad-derivattivi – pożizzjonijiet miftuħa tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.08.01 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin:

a) Lista linja b'linja tad-derivattivi li jistgħu jiġu kklassifikati bħala l-kategoriji tal-assi minn A sa F, kif stipulat fl-Anness Tekniku IV – Il-Kategoriji Kumplimentari tal-Kodiċi ta' Identifikazzjoni, li tiddistingwi bejn il-fondi magħluqa. Kull meta l-impriża jew il-grupp jagħmlu d-distinzjoni bejn l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u l-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja għal skopijiet interni u l-fondi tal-azzjonisti. Meta d-derivattivi jinħarġu mill-impriża bħala derivattiv intern (tal-grupp) u meta d-derivattivi jkunu relatati mal-obbligi tal-impriżi;
b) Il-kuntratti tad-derivattivi kollha li eżistew matul il-perjodu tar-rapportar u li ma ngħalqux qabel id-data tar-referenza tar-rapportar;
c) Kull derivattiv jiġi rrapportat separatament fir-rigward ta' kull portafoll u / jew kull fond magħluq jew fond intern ieħor, u;
d) Id-derivattivi li għandhom jiġu rrapportati huma dawk li huma miżmuma direttament u mhux miżmuma indirettament permezz ta' fondi ta' investiment jew prodotti strutturati.


© EIOPA 2013

9. Għar-rapportar tal-grupp, u minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) Meta l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II jintuża esklussivament, ir-rapportar għandu jirrifletti l-pożizzjoni kkonsolidata tad-derivattivi miżmuma (jiġifieri t-Tranżazzjonijiet netti fost l-Impriżi ta' Grupp) fi ħdan il-grupp. Ir-rapport għandu jsir kif ġej:

- L-isem legali tal-impriża ma għandux jiġi rrapportat;
- Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti jew il-kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni: għandu jsir rapport linja b'linja tad-derivattivi miżmuma;
- Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, l-impriżi għal servizzi anċillari u l-vetturi b'għan speċjali li huma sussidjarji: ir-rapport isir linja b'linja tad-derivattivi miżmuma;
- Id-derivattivi miżmuma minn impriżi relatati oħrajn li huma sussidjarji ma għandhomx jiġu inklużi;
- Id-derivattivi miżmuma minn impriżi li taħthom hija eżerċitata influwenza sinifikanti kif definit fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 1983/349/KE ma għandhomx jiġu inklużi, u;
- Id-derivattivi miżmuma minn parteċipanti f'setturi finanzjarji oħrajn ma għandhomx jiġu inklużi.

b) Meta l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II jintuża esklussivament, ir-rapport għandu jinkludi l-lista dettaljata tad-derivattivi netti tat-Tranżazzjonijiet fost l-Impriżi ta' Grupp miżmuma mill-impriżi parteċipanti, il-kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni u s-sussidjarji. Ir-rapport għandu jsir kif ġej:

- Għandu jiġi rrapportat l-isem legali tal-impriża;
- Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti jew il-kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni: għandu jsir rapport linja b'linja tad-derivattivi miżmuma;
- Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, l-impriżi għal servizzi anċillari u l-vetturi b'għan speċjali li huma sussidjarji (iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea): ir-rapport isir linja b'linja tad-derivattivi miżmuma;
- Id-derivattivi miżmuma minn impriżi relatati oħrajn li huma sussidjarji ma għandhomx jiġu inklużi;


© EIOPA 2013

- Id-derivattivi miżmuma minn impriżi li taħthom hija eżerċitata influwenza sinifikanti kif definit fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 1983/349/KE (pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea) ma għandhomx jiġu inklużi, u;

- Id-derivattivi miżmuma minn parteċipanti f'setturi finanzjarji oħrajn (pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea) ma għandhomx jiġu inklużi.

c) Meta tintuża kombinazzjoni tal-metodu 1, kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, u l-metodu 2, kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II:

   i. Parti waħda tar-rapport tirrifletti l-pożizzjoni kkonsolidata tad-derivattivi miżmuma (jiġifieri t-Tranżazzjoni netta fost l-Impriżi ta' Grupp) fi ħdan il-grupp li għandhom jiġu rrapportati. Ir-rapport għandu jsir kif ġej:

- L-isem legali tal-impriża ma għandux jiġi rrapportat;

- Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti jew il-kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni li għalihom jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II: għandu jsir rapport linja b'linja tad-derivattivi miżmuma;

- Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, l-impriżi għal servizzi anċillari u l-vetturi b'għan speċjali li huma sussidjarji li għalihom jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II: ir-rapport isir linja b'linja tad-derivattivi miżmuma;

- Id-derivattivi miżmuma minn impriżi relatati oħra li huma sussidjarji u li għalihom jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II ma għandhomx jiġu inklużi;

- Id-derivattivi miżmuma minn impriżi li taħthom hija eżerċitata influwenza sinifikanti fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 1983/349/KE u li għalihom jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II ma għandhomx jiġu inklużi;

- Id-derivattivi miżmuma minn parteċipanti f'setturi finanzjarji oħrajn ma għandhomx jiġu inklużi;

- Id-derivattivi miżmuma minn sussidjarji li għalihomhuwa użat il-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II ma għandhomx jiġu inklużi, u;.

- Id-derivattivi miżmuma mill-impriżi li taħthom hija eżerċitata influwenza sinifikanti kif definit fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 1983/349/KE u li


© EIOPA 2013

għalihom jintuża l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II ma għandhomx jiġu inklużi.

ii. Il-parti l-oħra tar-rapport għandha tinkludi l-lista dettaljata tad-derivattivi tat-Tranżazzjonijiet netti fost l-Impriżi ta’ Grupp mill-impriżi parteċipanti, il-kumpaniji b’parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni u s-sussidjarji. Ir-rapport għandu jsir kif ġej:

- L-isem legali tal-impriża ma għandux jiġi rrapportat;
- Għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, l-impriżi għal servizzi anċillari u l-vetturi b’għan speċjali li huma sussidjarji (iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea) li għalihom jintuża l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II: ir-rapport isir linja b’linja tad-derivattivi miżmuma;
- Id-derivattivi miżmuma minn impriżi relatati oħrajn li huma sussidjarji u li għalihom jintuża l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II ma għandhomx jiġu inklużi;
- Id-derivattivi miżmuma minn impriżi li taħthom hija eżerċitata influwenza sinifikanti kif definit fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 1983/349/KE (iż-Żona Ekonomika Ewropea, mhux ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea u l-ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea) u li għalihom jintuża l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva ta’ Solvenza II ma għandhomx jiġu inklużi, u;
- Id-derivattivi miżmuma minn parteċipanti f’setturi finanzjarji oħrajn (pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux għaż-Żona Ekonomika Ewropea) u li għalihom jintuża l-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II ma għandhomx jiġu inklużi;

**S.14.01.a – Dispożizzjonijiet Tekniċi dwar il-Ħajja u s-Saħħa Simili għat-Tekniki tal-Ħajja – (dik li kienet TP-F1Q)**

10. Dispożizzjonijiet Tekniċi dwar il-Ħajja u s-Saħħa Simili għat-Tekniki tal-Ħajja, rigward kull Linja ta’ Negozju kif definita fl-Anness Tekniku II – Linji ta’ Negozju. Tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.14.01.a, filwaqt li tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin:

a) Id-dispożizzjonijiet tekniċi kkalkolati b’mod globali (Portafoll replikabbli);
b) L-Aqwa Stima gross tad-dispożizzjonijiet tekniċi kkalkolati bħala somma tal-Aqwa Stima u l-marġini tar-riskju (Portafoll mhux replikabbli);



© EIOPA 2013

c) L-Ammonti Rekuperabbli totali mir-riassigurazzjoni u l-Vejikoli bi Skop Speċjali wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-inadempjenza ta' kontroparti, u;
d) Il-Marġini tar-Riskju.

**S.14.01.b – Dispożizzjonijiet Tekniċi dwar il-Ħajja u s-Saħħa Simili għat-Tekniki tal-Ħajja (dik li kienet TP-F1)**

11. Dispożizzjonijiet Tekniċi dwar il-Ħajja u s-Saħħa Simili għat-Tekniki tal-Ħajja, rigward kull Linja ta' Negozju kif definita fl-Anness Tekniku III – Linji ta' Negozju. Tinkludi l-informazzjoni inklużа fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.14.01.b, filwaqt li tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin:

a) Id-dispożizzjonijiet tekniċi kkalkolati b'mod globali (Portafoll replikabbli);
b) L-Aqwa Stima gross tad-dispożizzjonijiet tekniċi kkalkolati bħala somma tal-Aqwa Stima u l-marġini tar-riskju (Portafoll mhux replikabbli);
c) L-Ammonti Rekuperabbli totali mir-riassigurazzjoni u l-Veikoli bi Skop Speċjali wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-inadempjenza ta' kontroparti, u;
d) Il-Marġini tar-Riskju;
e) Għandhom jiġu rrapportati biss l-entrati li ġejjin, relatati mal-ammont tal-Aqwa Stima gross skont il-pajjiż:
    i. L-Aqwa Stima Gross għal pajjiżi differenti – Il-pajjiż ospitu;
    ii. L-Aqwa Stima Gross għal pajjiżi differenti – Għall-pajjiżi fil-livell limitu ta' materjalità;
    iii. L-Aqwa Stima Gross għal pajjiżi differenti – Għall-pajjiżi fiż-Żona Ekonomika Ewropea barra l-livell limitu ta' materjalità, u;
    iv. L-Aqwa Stima Gross għal pajjiżi differenti – Għall-pajjiżi li mhumiex fiż-Żona Ekonomika Ewropea barra l-livell limitu ta' materjalità.
f) L-ammont tal-Aqwa Stima gross skont il-pajjiż fir-rigward tal-lokazzjoni tar-riskju sottoskritt;

12. L-applikazzjoni ta' livell limitu ta' materjalità:

    i. Irrapportata l-Aqwa Stima gross għall-pajjiżi li jirrappreżentaw sa 90% tal-Aqwa Stima għal negozju dirett fuq ċerta Linja ta' negozju, bil-bqija jiġu rrapportati fl-entrati "Għall-pajjiżi fiż-Żona Ekonomika Ewropea barra l-livell limitu ta' materjalità" jew "Għall-pajjiżi mhux fiż-Żona Ekonomika Ewropea barra l-livell limitu ta' materjalità", u;
    ii. Irrispettivament mil-livell limitu ta' materjalità, għandha tiġi rrapportata l-Aqwa Stima gross fil-pajjiż ospitu.

**S.17.01.a – Dispożizzjonijiet Tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja (dik li kienet TP-E1Q)**

13. Dispożizzjonijiet Tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-Ħajja, rigward kull Linja ta' Negozju kif definita fl-Anness Tekniku IV – Linji ta' Negozju, rapportar tal-assigurazzjoni diretta flimkien mar-riassigurazzjoni proporzjonali aċċettata.



© EIOPA 2013

Tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.17.01.a, filwaqt li tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin:

a) Id-dispożizzjonijiet tekniċi kkalkolati b'mod globali (Portafoll replikabbli);
b) L-Aqwa Stima gross tad-dispożizzjonijiet tekniċi kkalkolati bħala somma tal-Aqwa Stima u l-marġini tar-riskju (Portafoll mhux replikabbli);
c) L-Ammonti Rekuperabbli totali mir-riassigurazzjoni u l-Veikoli bi Skop Speċjali wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-inadempjenza ta' kontroparti, u;
d) Il-Marġini tar-Riskju.

### S.17.01.b – Dispożizzjonijiet Tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja (dik li kienet TP-E1)

14. Dispożizzjonijiet Tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-Ħajja – L-aqwa Stima skont il-pajjiż, rigward kull Linja ta' Negozju kif definita fl-Anness Tekniku III – Linji ta' Negozju, rapportar tal-assigurazzjoni diretta flimkien mar-riassigurazzjoni proporzjonali aċċettata. Tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenzaS.17.01.b, filwaqt li tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin:

a) Dispożizzjonijiet tekniċi kkalkolati b'mod globali (Portafoll replikabbli);
b) L-Aqwa Stima gross tad-dispożizzjonijiet tekniċi kkalkolati bħala somma tal-Aqwa Stima u l-marġni tar-riskju (Portafoll mhux replikabbli);
c) L-Ammonti Rekuperabbli totali mir-riassigurazzjoni u l-Vejikoli bi Skop Speċjali wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-inadempjenza ta' kontroparti, u
d) Il-Marġni tar-Riskju;
e) Għandhom jiġu rrapportati biss l-entrati li ġejjin, relatati mal-ammont tal-Aqwa Stima gross skont il-pajjiż:
    i. L-Aqwa Stima Gross għal pajjiżi differenti – Il-pajjiż ospitu;
    ii. L-Aqwa Stima Gross għal pajjiżi differenti – Għall-pajjiżi fil-livell limitu ta' materjalità;
    iii. L-Aqwa Stima gross għall-pajjiżi fiż-Żona Ekonomika Ewropea barra l-livell limitu ta' materjalità, u;
    iv. L-Aqwa Stima Gross għall-pajjiżi li mhumiex fiż-Żona Ekonomika Ewropea barra l-livell limitu ta' materjalità.
f) L-ammont tal-Aqwa Stima gross skont il-pajjiż fir-rigward tal-lokazzjoni tar-riskju għal-linji tan-negozju "Spejjeż mediċi", "Protezzjoni tad-dħul", "Kumpens għall-ħaddiema", "Nirien u ħsara oħra fil-proprjetà" u "Krediti u garanziji (suretyship)";
g) L-ammont tal-Aqwa Stima gross skont il-pajjiż fir-rigward tal-pajjiż tas-sottoskrizzjoni għal-linji tan-negozju l-oħrajn kollha mhux relatati mal-ħajja.

15. L-applikazzjoni ta' livell limitu ta' materjalità:

    i. Irrapportata l-Aqwa Stima gross għall-pajjiżi li jirrappreżentaw sa 90 % tal-Aqwa Stima għal negozju dirett fuq ċerta Linja ta' negozju, bil-bqija



© EIOPA 2013

jiġu rrapportati fl-entrati "Għall-pajjiżi fiż-Żona Ekonomika Ewropea barra l-livell limitu ta' materjalità" jew "Għall-pajjiżi mhux fiż-Żona Ekonomika Ewropea barra l-livell limitu ta' materjalità", u;;

ii. Irrispettivament mil-livell limitu ta' materjalità, għandha tiġi rrapportata l-Aqwa Stima gross fil-pajjiż ta' oriġini.

**S.23.01 – Fondi proprji (dawk li kienu OF-B1Q u OF-B1)**

16. It-taqsima Fondi proprji tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.23.01 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin:

a) Informazzjoni dwar l-entrati u l-livelli Bażiċi tal-fondi proprji;
b) Informazzjoni dwar l-entrati u l-livelli Anċillari tal-fondi proprji;
c) Informazzjoni dwar il-fondi proprji disponibbli u eliġibbli sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-solvenza;
d) Informazzjoni dwar ir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni, u;
e) Informazzjoni dwar il-profitti mistennija inklużi fil-primjums futuri għan-negozju relatat mal-Ħajja u n-negozju mhux relatat mal-Ħajja.

**S.25.01 – Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għal impriżi fuq Formula Standard jew Mudelli Interni Parzjali (dik li kienet SCR-B2A)**

17. It-taqsima Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għal impriżi fuq Formula Standard jew Mudelli Interni Parzjali tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.25.01 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi l-informazzjoni dwar ir-Rekwiżit ta' kapital tas-solvenza kkalkulat bl-użu tal-formula standard, jew, fil-każ tal-impriżi li jużaw mudelli interni parzjali, qasma bejn il-parti tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza kkalkolata bil-formula standard u l-parti kkalkolata b'mudell intern parzjali, jekk ikun hemm.

18. Għar-rapportar tal-grupp, u minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) Din l-informazzjoni hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, esklussivament jew inkella f'kombinazzjoni mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;
b) Meta jkun qiegħed jintuża l-metodu ta' kombinazzjoni, din l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa biss għall-parti tal-grupp ikkalkolata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, u;
c) Din l-informazzjoni ma tapplikax għall-gruppi meta jkun qiegħed jintuża esklussivament il-metodu 2.

**S.25.02 - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għal impriżi fuq Mudelli Interni Parzjali (dik li kienet SCR-B2B)**

19. It-taqsima Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għal impriżi fuq Mudelli Interni Parzjali tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.25.02 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi l-informazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' kapital tas-solvenza bl-użu tal-mudell intern parzjali.


© EIOPA 2013

20. Għar-rapportar tal-grupp u minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) Din l-informazzjoni hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, esklussivament jew inkella f'kombinazzjoni mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;
b) Meta jkun qiegħed jintuża l-metodu ta' kombinazzjoni, din l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa biss għall-parti tal-grupp ikkalkolata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, u;
c) Din l-informazzjoni ma tapplikax għall-gruppi meta jkun qiegħed jintuża esklussivament il-metodu 2.

**S.25.03 - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għal impriżi fuq Mudelli Interni Sħaħ (dik li kienet SCR-B2C)**

21. It-taqsima Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għal impriżi fuq Mudelli Interni Sħaħ tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.25.03 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi l-informazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' kapital tas-solvenza kkalkolat bl-użu tal-mudell intern sħiħ.

22. Għar-rapportar tal-grupp u minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) Din l-informazzjoni hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, esklussivament jew inkella f'kombinazzjoni mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;
b) Meta jkun qiegħed jintuża l-metodu ta' kombinazzjoni, din l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa biss għall-parti tal-grupp ikkalkolata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, u;
c) Din l-informazzjoni ma tapplikax għall-gruppi meta jkun qiegħed jintuża esklussivament il-metodu 2.

**S.26.01 – Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – Riskju tas-Suq (dik li kienet SCR-B3A)**

23. It-taqsima Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għar-Riskju tas-Suq - tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.26.01 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi l-informazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' kapital tas-solvenza għar-riskju tas-suq, ikkalkolat bl-użu tal-formula standard.

24. Għar-rapportar tal-grupp u minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) Din l-informazzjoni hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, esklussivament jew inkella f'kombinazzjoni mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;
b) Meta jkun qiegħed jintuża l-metodu ta' kombinazzjoni, din l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa biss għall-parti tal-grupp ikkalkolata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, u;



© EIOPA 2013

c) Din l-informazzjoni ma tapplikax għall-gruppi meta jkun qiegħed jintuża esklussivament il-metodu 2.

### S.26.02 – Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – Riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti (dik li kienet SCR-B3B)

25. It-taqsima Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għar-Riskju ta' Inadempjenza ta' Kontroparti - tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.26.02 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi l-informazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' kapital tas-solvenza għar-Riskju ta' Inadempjenza ta' Kontroparti, ikkalkolat bl-użu tal-formula standard.

26. Għar-rapportar tal-grupp u minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) Din l-informazzjoni hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, esklussivament jew inkella f'kombinazzjoni mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;
b) Meta jkun qiegħed jintuża l-metodu ta' kombinazzjoni, din l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa biss għall-parti tal-grupp ikkalkolata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, u;
c) Din l-informazzjoni ma tapplikax għall-gruppi meta jkun qiegħed jintuża esklussivament il-metodu 2.

### S.26.03 – Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – Riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja (dik li kienet SCR-B3C)

27. It-taqsima Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għar-Riskju ta' Sottoskrizzjoni tal-Ħajja - tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.26.03 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi l-informazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' kapital tas-solvenza għar-Riskju ta' Sottoskrizzjoni tal-Ħajja, ikkalkolat bl-użu tal-formula standard.

28. Għar-rapportar tal-grupp u minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) Din l-informazzjoni hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, esklussivament jew inkella f'kombinazzjoni mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;
b) Meta jkun qiegħed jintuża l-metodu ta' kombinazzjoni, din l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa biss għall-parti tal-grupp ikkalkolata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, u;
c) Din l-informazzjoni ma tapplikax għall-gruppi meta jkun qiegħed jintuża esklussivament il-metodu 2.



© EIOPA 2013

### S.26.04 – Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – Riskju ta' Sottoskrizzjoni tas-Saħħa (dik li kienet SCR-B3D)

29. It-taqsima Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għar-Riskju ta' Sottoskrizzjoni tas-Saħħa - tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.26.04 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi l-informazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' kapital tas-solvenza għar-Riskju ta' Sottoskrizzjoni tas-Saħħa, ikkalkolat bl-użu tal-formula standard.

30. Għar-rapportar tal-grupp u minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) Din l-informazzjoni hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, esklussivament jew inkella f'kombinazzjoni mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;
b) Meta jkun qiegħed jintuża l-metodu ta' kombinazzjoni, din l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa biss għall-parti tal-grupp ikkalkolata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, u;
c) Din l-informazzjoni ma tapplikax għall-gruppi meta jkun qiegħed jintuża esklussivament il-metodu 2.

### S.26.05 - Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – Riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja (dik li kienet SCR-B3E)

31. It-taqsima Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għar-Riskju ta' Sottoskrizzjoni Mhux tal-Ħajja - tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.26.05 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi l-informazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' kapital tas-solvenza għar-Riskju ta' Sottoskrizzjoni Mhux tal-Ħajja, ikkalkolat bl-użu tal-formula standard.

32. Għar-rapportar tal-grupp u minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) Din l-informazzjoni hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, esklussivament jew inkella f'kombinazzjoni mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;
b) Meta jkun qiegħed jintuża l-metodu ta' kombinazzjoni, din l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa biss għall-parti tal-grupp ikkalkolata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, u;
c) Din l-informazzjoni ma tapplikax għall-gruppi meta jkun qiegħed jintuża esklussivament il-metodu 2.

### S.26.06 –Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – Riskju operattiv (dik li kienet SCR-B3G)

33. It-taqsima Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għal Riskju Operattiv - tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.26.06 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi l-informazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' kapital tas-solvenza għal Riskju Operattiv, ikkalkolat bl-użu tal-formula standard.


© EIOPA 2013

34. Għar-rapportar tal-grupp u minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) Din l-informazzjoni hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 ta' Solvenza II, esklussivament jew inkella f'kombinazzjoni mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 ta' Solvenza II;
b) Meta jkun qiegħed jintuża l-metodu ta' kombinazzjoni, din l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa biss għall-parti tal-grupp ikkalkolata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 ta' Solvenza II, u;
c) Din l-informazzjoni ma tapplikax għall-gruppi meta jkun qiegħed jintuża esklussivament il-metodu 2.

## S.27.01 – Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – Riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja (dik li kienet SCR-B3F)

35. It-taqsima Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza – għar-Riskju ta' Katastrofi Mhux tal-Ħajja - tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.27.01 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin:

a) Informazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' kapital tas-solvenza għal Riskju ta' Katastrofi Mhux tal-Ħajja, inkluż ir-riskju ta' Katastrofi tas-Saħħa, ikkalkolat bl-użu tal-formula standard, u;
b) Għal kull tip ta' riskju ta' katastrofi, għandu jiġi stabbilit l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji tal-kuntratti speċifiċi ta' riassigurazzjoni u tal-vetturi b'għan speċjali tal-impriża. Dan il-kalkolu huwa prospettiv u jridikun ibbażat fuq il-programm ta' riassigurazzjoni tar-rapportar li jmiss.

36. Għar-rapportar tal-grupp u minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

a) Din l-informazzjoni hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, esklussivament jew inkella f'kombinazzjoni mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II;
b) Meta jkun qiegħed jintuża l-metodu ta' kombinazzjoni, din l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa biss għall-parti tal-grupp ikkalkolata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, u;
c) Din l-informazzjoni ma tapplikax għall-gruppi meta jkun qiegħed jintuża esklussivament il-metodu 2.

## S.28.01 – Rekwiżit ta' Kapital Minimu għajr għall-impriżi komposti (dik li kienet MCR B4A)

37. It-taqsima Rekwiżit ta' Kapital Minimu – għajr għall-impriżi komposti – tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.28.01 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi l-informazzjoni dwar ir-Rekwiżit ta' kapital minimu għal impriżi għajr dawk komposti.



© EIOPA 2013

**S.28.02 – Rekwiżit ta' Kapital Minimu – Impriżi komposti (dik li kienet MCR B4B)**

38. It-taqsima Rekwiżit ta' Kapital Minimu –għall-impriżi komposti – tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.28.02 (varjanti differenti), filwaqt li tinkludi l-informazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' kapital minimu għall-impriżi komposti.

**S.32.01.g– Impriżi fl-ambitu tal-grupp (dik li kienet G01)**

39. L-impriżi fl-ambitu tal-grupp tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenzaS.32.01.g, filwaqt li tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin:

a) Lista linja b'linja tal-impriżi li jappartjenu għall-grupp, inklużi l-forma legali tagħhom, l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti tagħhom u t-tip ta' impriża;
b) Il-kriterji tal-klassifikazzjoni għal kull entità rrapportata;
c) Il-kriterji tal-influwenza, u;
d) Informazzjoni dwar l-inklużjoni fl-ambitu tas-sorveljanza tal-grupp u l-metodu magħżul għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza.

**S.33.01.g – Rekwiżiti individwali tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni (dik li kienet GO3)**

40. It-taqsima Rekwiżiti individwali tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjonitinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.33.01.g, filwaqt li tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin:

41. Għall-impriżi kollha tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fiż-Żona Ekonomika Ewropea u għall-impriżi kollha tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li mhumiex fiż-Żona Ekonomika Ewropea (meta jintużaw ir-regoli tad-Direttiva Solvenza II) meta jiġi applikat il-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II:

a) Lista linja b'linja tar-rekwiżiti individwali tal-impriżi li jappartjenu għall-grupp, inkluż ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza individwali maqsum f'kategoriji ta' riskju differenti, ir-Rekwiżit ta' Kapital Minimu individwali u l-fondi proprji individwali eliġibbli maħsuba biex ikopru r-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza;

b) Fil-każ tal-użu tal-informazzjoni tal-formula standard dwar is-simplifikazzjonijiet u fejn ikun intuża mudell intern parzjali;

c) Informazzjoni dwar grupp jew mudell intern individwali.

42. Barra minn hekk, għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li mhumiex fiż-Żona Ekonomika Ewropea, huma applikabbli r-rekwiżiti kapitali lokali kollha, ir-rekwiżiti kapitali minimi u l-fondi proprji eliġibbli skont ir-regoli lokali, irrispettivament mill-metodu tal-kalkolazzjoni.



© EIOPA 2013

**S.34.01.g – Rekwiżiti individwali ta' impriżi finanzjarji oħrajn irregolati u mhux irregolati, inklużi l-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni (dik li kienet G04)**

43. It-taqsima Rekwiżiti individwali ta' impriżi finanzjarji oħrajn irregolati u mhux irregolati, inklużi l-kumpaniji tal-assigurazzjoni u kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni mħallta tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.34.01.g, filwaqt li tinkludi lista linja b'linja tar-Rekwiżiti individwali ta' impriżi finanzjarji rregolati oħrajn u ta' impriżi finanzjarji mhux irregolati oħrajn, inklużi kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, kemm jekk ikkontrollati jew mhux ikkontrollati, skont il-metodi kollha ta' kalkolu, inklużi r-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza kunċettwali jew ir-rekwiżit ta' kapital settorjali, ir-Rekwiżit ta' Kapital Minimu kunċettwali jew ir-rekwiżit ta' kapital minimu settorjali u l-fondi proprji eliġibbli.

**S.35.01.g –Kontribut għad-Dispożizzjonijiet Tekniċi ta' grupp (dik li kienet G14)**

44. Il-lista ta' dispożizzjonijiet tekniċi li jikkontribwixxu għad-dispożizzjonijiet tekniċi ta' grupp tinkludi l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku II taħt ir-referenza S.35.01.g, filwaqt li tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin:

a) Lista ta' dispożizzjonijiet tekniċi – Assigurazzjoni mhux tal-ħajja, minbarra s-saħħa;
b) Lista ta' dispożizzjonijiet tekniċi – Assigurazzjoni tas-saħħa simili għall-assigurazzjoni mhux tal-ħajja;
c) Lista ta' dispożizzjonijiet tekniċi – Assigurazzjoni tas-saħħa simili għall-assigurazzjoni tal-ħajja;
d) Lista ta' dispożizzjonijiet tekniċi – Assigurazzjoni tal-ħajja minbarra s-saħħa u b'rabta mal-indiċi u b'rabta mal-unità;
e) Lista ta' dispożizzjonijiet tekniċi – Assigurazzjoni b'rabta mal-indiċi u b'rabta mal-unità, u;
f) L-ammont totali ta' TP (eskluż l-IGT)

45. Il-mudell huwa applikabbli għall-metodu 1 kif definit skont l-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvenza II, il-metodu 2 kif definit skont l-Artikolu 233 tad-Direttiva Solvenza II u kombinazzjoni tal-metodi 1 u 2.



© EIOPA 2013